MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2024

Appell Inferjuri Numru 100/2023 LM

**Darren Marmara (K.I. Numru 584381(M))**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Dimar Shipping Agency Ltd (C 49356), Cassar Holdings Ltd (C 45355), Cassar Fuel Service Station Ltd (C 56102), Cassar Fuel Ltd (C28453), Cassar Petroleum Services Ltd (C 45993) u Cassar Motor Oil Services Ltd (C 55451)**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Darren Marmara (K.I. numru 584381(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni mogħtija fil-5 ta' Ottubru, 2023 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mit-Tribunal

Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fil-Kwistjoni tax-Xogħol nru. 3535/JD li ġiet intavolata minnu fil-konfront tas-soċjetajiet intimati **Dimar Shipping Agency Ltd (C 49356), Cassar Holdings Ltd (C 45355), Cassar Fuel Service Station Ltd (C 56102), Cassar Fuel Ltd (C 28453), Cassar Petroleum Services Ltd (C-45993)** u **Cassar Motor Oil Services Ltd (C 55451)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetajiet appellati'], fejn it-Tribunal iddeċieda kif ġej:

*"__Deċiżjoni dwar il-Mertu__*

*Wara li fela r-rikors, ir-risposta għar-rikors promotur, id-dokumentazzjoni ppreżentata lilu, il-provi, it-testimonjanza tax-xhieda, u t-trattazzjonijiet finali u wara li għamel il-kunsiderazzjonijiet tiegħu, fit-totalità tagħhom, it-Tribunal jistabbilixxi illi ma ġiex ipprezentat bi provi li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent saret għal raġuni ta' sensja.*

*Għaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba tar-rikorrent u jaqta' u jiddeċiedi li għall-fini tal-artiklu 81(2)(a) tal-Kap 452 it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent ma kinitx għal kawża ġusta. Għalhekk it-Tribunal jordna lil* Dimar Shipping Agency Ltd *illi tikkumpensa lir-rikorrent billi tħallsu fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni ta' did-Deċiżjoni ħmistax il-elf, sitt mija u ħamsin Ewro (€15,650).*

*It-Tribunal jordna wkoll il-ħlas min-naħa ta' Dimar* Shipping Agency Ltd *lis-Sur Marmara a) tar-remunerazzjoni kollha dovuta lis-Sur Marmara għall-impjieg tiegħu matul ix-xahar kollu t'Ottubru 2016 (fn. 16: Inkluzi i) kull rimunerazzjoni għal sahra, jekk is-sahra kienet titħallas separatament mis-salarju bażiku tar-rikorrent, ii) kull forma ta' bonus, kull* allowance, *u kull rimunerazzjoni mod ieħor milli bi flus u kummissjonijiet), u b) jekk hu l-każ, ta'* leave pro rata *għall-perijodu Jannar-Ottubru 2016 mhux meħud. Tali ħlas għandu jsir fl-istess ħin illi jitħallas il-kumpens imsemmi f'did-Deċiżjoni.*

*Għall-finijiet tal-Avviz 48 tal-Avviz 48 tal-1986 rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jiġu ffissati fl-ammont ta' €93.17 kull wieħed, b'dan illi l-ammont totali ta' €186.34 jitħallas minn* Dimar Shipping Agency Ltd.

*It-Tribunal ma setax jiddeċiedi l-Kwistjoni fi żmien iqsar minħabba n-numru kbir ta' differimenti, ank minħabba tenattivi għal possibbli transazzjoni.*

*B'hekk tingħalaq dil-Kwistjoni tax-Xogħol"*

## Fatti

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw it-terminazzjoni tal-impjieg *full-time* tal-appellant minn ma' Dimar Shipping Agency Ltd, b'effett mill-31 t'Ottubru, 2016, liema terminazzjoni allegatament saret minħabba 'nuqqas ta' xogħol'.

## Mertu

3. L-appellat istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fis-27 ta' Frar, 2017, permezz ta' rikors, fejn talab lill-imsemmi Tribunal sabiex:

> *"...jogħġobu jiddikjara illi it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti kienet inġusta u ma kienitx għal raġuni xierqa u jillikwida dak il-kumpens pagabbli lir-rikorrenti u jikkundanna lis-soċjetajiet intimati jew min minnhom iħallsu lir-rikorrenti il-kumpens u kull ammont hekk likwidat.*
>
> *Bl-ispejjeż."*

4. Is-soċjetajiet appellanti wieġbu fid-29 ta' Marzu, 2017, fejn filwaqt li fissru il-verżjoni tagħhom ta' dak li kien ġara bejn il-partijiet, huma ċaħdu l-allegazzjonijiet magħmulin mill-appellant bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, u talbu sabiex it-talbiet tiegħu jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontrih.

## Id-deċiżjoni appellata

5. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni tiegħu:

*"**L-Eċċezzjonijiet imqajma mill-konvenuti***

*L-eċċepjenti soċjetajiet Cassar* Holdings Ltd*, Cassar* Fuel Service Station Ltd*, Cassar* Fuel Ltd*, Cassar* Petroleum Services Ltd*, u Cassar* Motor Oil Services Ltd *sostnew illi mhumiex leġittimu kontraditturi f'dil-Kwistjoni għaliex ir-rikorrent kien impjegat ma' Dimar Shipping Agency Ltd. Għaldaqstant ir-rikorrent ma għandux drittijiet u/jew pretensjonijiet u/jew talbiet fil-konfront tas-soċjetajiet imsemmija ħlief Dimar Shipping Agency Ltd.*

*It-Tribunal jikkonstata li l-obbligi u l-oneri ta' employer, inkluż dak kollu li għandu x'jaqsam ma' relazzjonijiet bejn l-employer u l-impjegat, assumiethom Dimar Shipping Agency Ltd għaliex legalment ir-rikorrent kien impjegat magħha. Li r-rikorrent kien impjegat magħha huwa ppruvat mill-Engagement u t-Termination forms tal-Jobsplus (ex Employment and Training Corporation) (fn. 1: Dok. MC 1) u mill-fatt illi s-Sur Marmara kien jitħallas minn Dimar Shipping Agency Ltd (fn. 2: Dok. DMX 6; xiehda tar-rikorrent fis-seduta tal-20 ta' Frar 2020)*

*Li r-rikorrent ingħata responsabbiltajiet oħra minn dawk illi kien impjegat biex jerfa', liema responsabbiltajiet kienu jirrigwardaw kumpanniji oħra, ma jagħmluhx minnhom innifishom impjegat tal-istess kumpanniji.*

*L-eċċezzjoni l-oħra mqajma mill-konvenuti kienet illi r-rikorrent ma kienx impjegat bħala CEO ma'* Cassar Group *peress illi ma eżistiet l-ebda entità b'dak l-isem.*

*It-Tribunal jikkonstata li s-Sur Cassar qies lis-Sur Marmara bħala c-*Chief Executive Officer *tal-kumpanniji tas-Sur Cassar. Dan huwa ppruvat mill-*business card *tas-Sur Marmara, mill-fatt illi ppreżenta ruħu bħala CEO f'diversi kawżi fil-Qrati u anki fit-Tribunal Industrijali (fn. 3 Dok. DMX 2), u mill-indirizz tal-*email *tiegħu bħala mpjegat ta' Dimar Shipping Agency Ltd.*, *liema ndirizz kien hekk iddikjarat minn Dimar Shipping Agency Ltd.* fl-Employment Termination Form *ta'* Jobsplus *(fn. 4: ceo@cassargroup.com; dok. JS2)*

*Ir-rikorrent xehed b'ċertu dettall il-livell ta' deċiżjonijiet illi kien jieħu li juru li xogħlu kien ta' responsabbiltà ogħla minn dik ta'* Shipping Clerk, *in-nomenklatura li biha kien irreġistrat bħala mpjegat ma' Dimar Shipping Agency Ltd. (fn. 5: Seduta tal-20 ta' Frar 2020)*

*Jiġifieri r-rwol tar-rikorrent meta spiċċa mill-impjieg kien pjuttost dak ta' CEO.*

*Iżda b'daqshekk xorta baqa' impjegat ma'* Dimar Shipping Agency Ltd. *u mhux ma' kumpannija/i oħra tas-Sur Cassar, u wisq anqas ta' Cassar* Group, *għaliex tali* Group *bħala entità legali distinta, u separata, ma kienx jeżisti.*

*Dan huwa kkonfermat bix-xiehda ta' Dr Claudette Fenech,* Legal Advisor *mar-Reġistratur tal-Kumpanniji fi ħdan il-*Malta Business Registry, *li tgħid,* "...Ma jeżisti l-ebda isem ta' kumpannija – la bħala kumpannija u lanqas bħala partnership – li għandha l-isem Cassar Group. ... Ma jidhirx li Dimar Shipping Agency Ltd. tagħmel parti minn group of companies għax mhijiex shareholder f'xi kumpannija Maltija oħra." *(fn. 6: Seduta tal-20 ta' Frar 2020)*

*Dan kien spjegat tajjeb ħafna fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-11 t'April, 2016, li l-istess rikorrent ippreżenta lit-Tribunal, li tgħid illi,* "Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi ma hemm ebda indikazzjoni illi l-hekk imsejħa Cassar Group hija entità legali u distinta ... u għalhekk ma nġabet ebda prova sabiex turi illi Cassar Group setgħet legalment tassumi d-dejn dovut ... Jirriżulta wkoll, mill-provi prodotti, illi l-frażi 'Cassar Group' ma hija xejn aktar milli isem sabiex jgħaqqad flimkien il-varji ditti tal-familja Cassar."

*Billi s-Sur Marmara ngħata xogħol, progetti,* assignments *f'kumpanniji barra Dimar Shipping Agency LTD ma jfissirx b'daqshekk illi kien impjegat magħhom.*

*Billi kellu* business card *li turih bħala CEO ta' Cassar* Group *ma jfissirx illi kien impjegat ta' Cassar* Group, *lanqas kieku l-Cassar* Group *kien jeżisti bħala persuna legali.*

***<u>Deċiżjoni dwar l-eċċezzjonijiet</u>***

*It-Tribunal jilqa' l-eċċezzjonijiet ta' Dimar* Shipping Agency Ltd *u ċioe' a) li Cassar* Holdings Ltd, *Cassar* Fuel Service Station Ltd*, Cassar* Fuel Ltd, *Cassar* Petroleum Services Ltd*, u Cassar* Motor Oil Services Ltd *mhumiex leġittimi kontradittturi f'dil-Kwistjoni għaliex l-*employer *tar-rikorrent kienet Dimar Shipping Agency Ltd,* u *b) li r-rikorrent ma kienx impjegat bħala* CEO *tal-Cassar* Group*, stante li tali Group fi żmien l-impjeg tar-rikorrent m'eżistiex.*

***<u>Il-Mertu</u>***

*Il-Mertu tal-Kwistjoni huwa dwar jekk it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent kinitx għal raġuni ta' sensja.*

***<u>Kunsiderazzjoni tat-Tribunal</u>***

1. *Dimar Shipping Agency Ltd. impjegat lis-Sur Marmara bħala* Shipping Clerk.
2. *Kif żdied ix-xogħol iddaħħal mal-Kumpannija ċertu* Geoffrey*.*
3. *Maż-żmien* Geoffrey *beda jieħu ħsieb l-operat tal-Kumpannija.*
4. *Ir-rikorrent beda jingħata xogħol mal-kumpanniji l-oħra tas-sid ta' Dimar Shipping Agency Ltd., (fn. 7: Ix-xhieda tas-Sur Cassar fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2018:* "Baqa' taħt Dimar ...imma jien kont nafdalu xogħol ieħor"*) bħal*

bidding *għal* tenders, l-upgrading *ta'* service station, *u jirrappreżenta kumpanniji tas-Sur Cassar f'kawżi fil-Qrati (fn. 8:* ***Ir-rikorrent ippreżenta*** **Case No. 6767 tal-Public Contracts Review Board** ***li fih is-Sur Marmara deher bħala rappreżentant ta' Cassar*** **Fuel Ltd** ***u ppreżenta wkoll sentenza tal-Qorti Ċivili Prim'Awla fejn huwa rrappreżenta lil Cassar*** **Fuel Ltd** ***bħala l-kap eżekuttiv tagħha; artiklu li deher fil-*****Malta Racing Club.com*****)***

5. *Wara xi żmien is-sid waqqaf l-operat ta' Dimar Shipping Agency Ltd., mingħajr ma għalaqha, u ssensja lis-Sur Marmara.*
6. *La s-soċjetà Dimar Shipping Agency LTD baqgħet miftuħa, is-Sur Marmara baqa' impjegat tagħha avolja xogħlu kien jirrelata għal kollox ma' kumpanniji oħra. Mela, biex is-Sur Marmara jingħata s-sensja Dimar Shipping Agency Ltd kellha ġġib provi li a) ix-xogħol illi attwalment kien jagħmel ir-rikorrent mal-kumpanniji l-oħra tas-sid ma kienx hemm aktar bżonnu, jew b) tali xogħol ma baqax aktar ekonomikament vjabbli, jew ċ) tali xogħol naqas tant illi ma kienx jiġġustifika mpjieg* full-time *fuqu u kwindi beda jsir minn impjegati oħra ta' kumpanniji għajr il-kumpannija Dimar Shipping Agency Ltd., jew d) minħabba ristrutturar jew riorganizzazzjoni tal-operat tal-kumpanniji tas-Sur Cassar ix-xogħol tas-Sur Marmara tqassam fuq ix-xogħol ta' impjegati ta' kumpanniji tas-Sur Cassar għajr il-kumpannija Dimar Shipping Agency Ltd.*
7. *Tali provi ma ġewx ippreżentati.*
8. *Minflok, fix-xhieda tagħhom is-Sur Cassar u Ms Sarah Cassar semmew żbalji u negliġenza fix-xogħol tar-rikorrent (fn. 9: Seduti tal-1, u 29 ta' Novembru 2018)*
9. *Dimar Shipping Agency Ltd.issottomettiet żewġ* Employment Termination Forms *lil* Jobsplus. *(fn. 10: Doki JS2, JS3) Waħda turi li t-temm tal-impjieg tas-Sur Marmara kien minħabba nuqqas ta' xogħol u l-oħra tiddikjara li r-raġuni għal tali terminazzjoni kienet waħda dixxiplinarja. (fn. 11:* Jobsplus *irrikonoxxiet l-ewwel waħda biss peress illi r-rikorrent ma għamilx appell man-*National Employment Authority, *u t-tieni* Form *waslet għand* Jobsplus *aktar minn għaxar* working days *wara l-ewwel waħda (xhieda tas-Sur Joseph Saliba, rappreżentant ta'* Jobsplus*, fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2020)*
10. *Is-Sur Marmara xehed illi qatt ma kien hemm diskors dwar nuqqas ta' ordnijiet. Dan kien kontradett mill-parti l-oħra fir-risposta tagħha għar-rikors promotur, però ma ġabet l-ebda prova ta' dan.*
11. *Is-Sur Marmara xehed illi l-impjieg tiegħu kien itterminat minħabba li rrifjuta ordni tas-Sur Cassar li fl-opinjoni tas-Sur Marmara kienet illegali (fn. 12: Seduta tas-6 t'Ottubru 2022) Tali akkuża ma kenitx ribattuta minn Dimar Shipping Agency Ltd.*

12. *Is-Sur Marmara ma tħallasx tax-xahar t'Ottubru 2016 (fn. 13: dok. A tistqarr illi s-somma li kellu jigbor mid-DSAL kienet tinkludi l-paga t'Ottubru 2016 (għat-Tribunal il-*final wage *kienet il-paga t'Ottubru 2016). Dimar Shipping Agency Ltd. ma sabitx problema biex tħallasha. Kien ir-rikorrent illi ma ġabarhiex peress illi kienet ippreżentata lilu bħala parti minn* full and final settlement *(fn. 14: dok. A, u x-xhieda ta' Ms Mireille Cassar fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2019) liema* settlement *huwa ma aċċettax.*
13. *Is-Sur Marmara għamel sitt snin u nofs impjegat ma' Dimar Shipping Agency Ltd. – mhux perijodu twil u għalhekk dal-fattur għandu jtaffi l-*liability *tal-*employer *f'każ ta' kumpens.*
14. *Ir-rikorrent sab xogħol ieħor sitt xhur wara li ntemm l-impjieg tiegħu minn ma' Dimar Shipping Agency Ltd., iżda ma ta l-ebda tagħrif lit-Tribunal dwar id-dħul illi kellu mit-tali mpjieg ġdid u għalhekk it-Tribunal ma ngħata l-ebda prova li mill-impjieg il-ġdid is-Sur Marmara beda jdaħħal anqas milli kien jaqla' minn ma'* Dimar Shipping Agency Ltd. *Lanqas ma s-Sur Marmara ta prova li meta fetaħ għal rasu kien jaqla' anqas mid-dħul illi kellu ma' Dimar Shipping Agency Ltd. Barra minn hekk, huwa fetaħ u beda l-operat kummerċjali għal rasu anqas minn xahrejn wara li l-impjieg tiegħu ma' Dimar Shipping Agency Ltd. intemm (fn. 15: Doki SC2, u SC3). Dan jaffettwa l-ammont ta' kumpens.*
15. *Rigward il-ħolqien min-naħa tar-rikorrent ta' kompetizzjoni lil Dimar Shiping Agency Ltd permezz ta' attività kummerċjali, tali attività saret wara t-temm tal-impjieg ma' Dimar Shipping Agency Ltd u għalhekk it-Tribunal ma jsibx kontra s-Sur Marmara; Dan fin-nuqqas ta' prova li l-kuntratt tal-impjieg ipprojbixxa lir-rikorrent illi jidhol f'kompetizzjoni mal-ex* employer *tiegħu wara t-temm tal-impjieg minn miegħu. Il-kuntratt tal-impjieg tas-Sur Marmara ma' Dimar Shipping Agency Ltd., ma rriżultax illi kien sar bil-miktub, jew jekk kien, ma ġiex ippreżentat lit-Tribunal."*

## <u>L-Appell</u>

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fis-17 ta' Ottubru, 2023, fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

*"...jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu illi sabet lis-soċjetà Dimar Shipping Agency Ltd. responsabbli, u li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-esponent kien inġust, tirriformaha billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn intlaqgħet l-eċċezzjoni tal-appellati illi s-soċjetajiet Cassar Holdings Ltd., Cassar*

> *Fuel Service Station Ltd., Cassar Fuel Ltd., Cassar Petroleum Services Ltd. u Cassar Motor Oil Services Ltd. m'humiex il-leġittimi kontraditturi fil-kwistjoni għaliex l-*employer *tar-rikorrent kienet Dimar Shipping Agency Ltd. u li r-rikorrent ma kienx impjegat bħala CEO ta' Cassar Group, u minflok tiddikjara illi s-soċjetajiet intimati kollha kellhom relazzjoni ta' impjieg mal-esponent aktar ġust u ċioe' f'somma ferm akbar minn Euro 15,650, u tikkundanna lis-socjetajiet kollha intimati/appellati* in solidum *bejniethom iħallsu l-istess kumpens lill-esponenti, oltre dak dovut lill-esponenti bħala remunerazzjoni għall-impjieg tiegħu matul ix-xahar kollu ta' Ottubru, 2016 u kull ħlas dovut lilu għal leave mhux meħud, u tagħti kull direttiva u ordni li jidrulha xierqa u opportuni."*

Jgħid li l-aggravji tiegħu huma s-segwenti: (a) it-Tribunal kien żbaljat meta ddikjara li l-impjieg tiegħu kien biss ma' Dimar Shipping Agency Limited; u (b) il-kumpens mogħti mit-Tribunal huwa wieħed miżeru.

7. Is-soċjetajiet appellati għażlu li ma jweġbux.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Il-Qorti ser tgħaddi qabel xejn sabiex tistħarreġ jekk l-appell odjern huwiex ammissibbli *ai termini* tas-subartikolu (3) tal-artikolu 82 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

9. Tibda billi tikkunsidra l-ewwel aggravju tal-appellant. Hawnhekk l-appellant qiegħed jilmenta mill-fatt li t-Tribunal laqa' l-eċċezzjoni tas-soċjetajiet appellati li s-soċjetajiet Cassar Holdings Ltd., Cassar Fuel Service Station Ltd., Cassar Fuel Ltd., Cassar Petroleum Services Ltd., u Cassar Motor Oil Services Ltd. ma kinux leġittimi kontraditturi, u l-prinċipal tiegħu kienet Dimar Shipping Agency Ltd., filwaqt li huwa ma kienx impjegat bħala CEO ta' Cassar Group,

stante li din l-allegata entità ma kinitx teżisti. Jikkontendi li mill-provi kien jirriżulta b'mod inekwivoku li meta spiċċa mix-xogħol, huwa kien jokkupa ir-rwol ta' CEO, u t-Tribunal kien tenut jindaga sew x'kienet il-pożizzjoni legali tiegħu mas-soċjetajiet appellati li kienu jagħmlu parti mill-grupp eknomiku magħruf bħala Cassar Group. Iżda f'dan kollu l-Qorti tagħraf li m'hemm l-ebda punt ta' liġi li hija qiegħda tiġi mitluba tikkunsidra, u minflok l-appellant qiegħed jippretendi li hija għandha tagħmel apprezzament tal-provi mill-ġdid. Kif jipprovdu b'mod inekwivoku d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452, dan il-Qorti ma tistax tagħmlu, u għalhekk dan l-aggravju huwa inammissibbli.

10. L-istess il-Qorti tgħid fir-rigward tat-tieni aggravju tal-appellant, fejn huwa qiegħed jilmenta mill-kumpens allegatament miżeru li akkordalu t-Tribunal. Jargumenta li r-raġunijiet li ta t-Tribunal sabiex wasal għall-kumpens in kwistjoni, mhumiex legalment fondati, iżda dan filwaqt li jfisser għaliex huwa mhuwiex qiegħed jaqbel mal-imsemmija raġunijiet. Għalhekk hawn ukoll il-Qorti qiegħda għal darb'oħra tiġi mitluba sabiex tidħol fil-mertu tal-każ odjern, u tagħmel mill-ġdid apprezzament tal-provi li diġà sar mit-Tribunal.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddikjara l-appell odjern irritu u null, u b'hekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**